**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**ta' l-24 ta' April 2007**

**dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005**

(2008/512/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 – C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jistabbilixxi Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0118/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija huma preżentati kif ġej:

**Kont tad-dħul u tan-nefqa għas-snin finanzjarji 2004 and 2005**

*(f'EUR 1000)*

| | 2005 | 2004 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Sussidji Komunitarji | 8 189 | 5 675 |
| Dħul iehor | 151 | 455 |
| Dħul finanzjarju | | 21 |
| Sussidju PHARE | 90 | 82 |
| **Dħul totali (a)** | 8 430 | 6 233 |

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 46.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 93.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1652/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 33).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

*(f'EUR 1000)*

| | 2005 | 2004 |
|---|---|---|
| **Nefqa** | | |
| *Persunal – Titolu I tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 3 008 | 2 645 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 70 | 85 |
| *Amministrazzjoni – Titolu II tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 550 | 447 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 582 | 37 |
| *Attivitajiet ta' operat – Titolu III tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 2 731 | 2 352 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 667 | 745 |
| *Dħul assenjat (Phare u oħrajn)* | | |
| Pagamenti | 0 | 7 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 90 | 0 |
| **Nefqa totali (b)** | **7 698** | **6 318** |
| **Riżultat (*outturn*) għas-sena finanzjarja (a - b)** | **732** | **-85** |
| Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja ta' qabel | 231 | 98 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti, imħassra | 210 | 241 |
| Approprjazzjonijiet mis-sena finanzjarja ta' qabel, biex jerġgħu jintużaw, li ma ntużawx | | 0 |
| Ammonti dovut ikkanċellat | | -23 |
| Differenzi tar-rata ta' skambju | -2 | 0 |
| **Bilanċ għas-sena finanzjarja** | **1 171** | **231** |

*Sors:* Data miġbura miċ-Ċentru. It-tabella hija sommarju tad-data pprovduta miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu stess.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

| *Il-President* | *Is-Segretarju Ġenerali* |
|---|---|
| Hans-Gert PÖTTERING | Harald RØMER |